**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 564/2019*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**

**-vs-**

**Allister Camilleri, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 0150180M**

**Illum**: 30 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Allister Camilleri u cioe` talli:

Nhar is-16 ta' Awwissu, 2019, għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) waqt li kont ġewwa fond numru 10, fi Sqaq id-Duluri Numru 1, il-Ħamrun:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ħebb għal omm bintu Odette Sciberras detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0343569M u kkaġunajtilha ġrieħi ta' natura ħfief, skont kif iċċertifikat Dr. Francesca Chircop MD. Reġ 5958 taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkommetta serq liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ewro ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-lok u bil-ħin u li dansar għad-detriment ta' omm bintek

Odette Sciberras detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0343569M u/jew persuna/i oħra;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u anke fiż-żminijiet ta'qabel b'diversi atti magħmula minnu li ġew magħmula fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil omm bintu l-imsemmija Odette Sciberras l-biża' li ser tintuża vjolenzaa kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxidenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta lill-imsemmija Odette Sciberras, jew jekk kien ipprovokat, inġurjat b'mod li joħroġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

5. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni oħra kontra propjeta' ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel tal-Artikolu 340(d), u lanqas band'oħra fil-Kodiċi Kriminali;

6. Fl-istess data u ħin ta' qabel it-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) waqt li kien barra l'fond numru 10, fi Sqaq id-Duluri Numru 1, il-Ħamrun volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobli u ċioe' għamel ħsara fi ħġieġa tal-bieb ta' barra fl-imsemmi fond, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-dannu ta' Odette Sciberras detentriċi tal-Karta tal-Identita' numru 0343569M;

7. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kisser il-Bon Ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;

Il-Qorti giet mitluba titratta dan il-każ bħala wieħed ta' vjolenza domestika, ai termini tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija titratta mill-ħati bħala reċidiv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li huwa ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistawx jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija b'żieda ma' kull piena li l-ħati jista' jingħata b'sentenza, tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-Liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra, ħsara morali u, jew psikoloġika, kaġunati lil dik il-parti bi jew permezz tar-reat, u kull ordni bħal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas li jsir il-ħlas kif imsemmi qabel. L-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għal-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ai termini taL-Artikolu 15A Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba ukoll, fl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-imsemmija Odette Sciberras, jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'każ taż ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża u l-familja tagħha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

- Fl-Artikoli 214, 215, 221(1) u 222(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(a)(b)(c)(e)(f) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 262(1)(a), 263(a), 264, 267, 269(g), 270, 274(c), 277(b), 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 251B(1), 222(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 340(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 325 (1)(c) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol.87

- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat m'ghandux l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

Illi l-abbli difiza fil-kors tas-sottomissjonijiet finali taghha tikkontendi li galadarba l-allegata vittma Odette Sciberras iddikjarat bil-gurament li qed tahfer lill-imputat[2] din il-Qorti ghandha tiddikjara procediment ezawrit fir-rigward tar-reati ta' serq u dawk ta' offizi hfief, l-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

Jigi mill-ewwel sottolinejat li mill-atti ma jirrizultax li l-pulizija hadet passi minhabba xi kwerela, izda wara li sar rapport minn Sciberras, mexxiet *ex officio.*[3]

Dwar ir-reat ta' serq insibu li l-artikolu 332 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

> **332.** Ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 316, 317 u 318, l-azzjoni kriminali ma titmexxiex mingħajr il-kwerela tal-parti offiża, għal reati li jsiru kontra ħwejjeġ tal-axxendenti jew kontra ħwejjeġ tal-qraba bi żwieġ fil-linja tal-axxendenti, jew tal-aħwa, bniet u subien, jew tal-qraba bi żwieġ fl-istess grad, meta dawn ir-reati ma jkunux saru flimkien ma ' omiċidju, offiża fuq il-persuna, minbarra offiża ħafifa u ta' importanza żgħira, jew ma' sekwestru tal-persuna.

Illi ghalkemm jista' jinghad li l-effett tal-griehi mgarrba minn Sciberras jistghu facilment jitqiesu bhala *"ta' importanza zghira"*, dan l-artiklu hu ezawrjenti in kwantu ghac-cirkostanzi li fihom jsib applikazzjoni. Sciberras issemmi li fiz-zmien li sehh l-incident in dezamina r-relazzjoni ma' Camilleri kienet spiccat. Ftit jiswa' – ghall-finijiet ta' dan l-artikolu - li din minghajr ma tikkorobora l-istess b'xi dettal, tixhed li illum *"Irrangajna u qed nghixu flimkien nergghu"*[4]. Dan l-artikolu ma jirriferix ghal *"sħab f'unjoni ċivili u koabitanti"* hekk kif jaghmel per ezempju l-artikolu 635 tal-Kodici Kriminali.

Fir-rigward tal-offizi hfief issir riferenza ghall-artikolu 543(e) tal-Kodici Kriminali:

> **543.** Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

---

[2] Fol.101-102

[3] Vide xhieda Spettur Matthew Galea a fol.21

[4] Fol.101

………………..

(*e*) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika:

Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika:

Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l -awtur allegat, u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.

L-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika, Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti s-segwenti definizzjonijiet:

"vjolenza domestika" tfisser kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika.

"familja jew unità domestika" tinkludi:
(a) konjuġi, imsieħba f'unjoni ċivili jew koabitanti attwali jew passati;
(b) persuni li jgħixu fl-istess dar mal-awtur tar-reat jew li kienu jgħixu miegħu fi żmien tliet snin qabel l-okkorenza tar-reat;……

Ghalhekk minkejja id-dikjarazzjonijiet maghmula minn Sciberras meta tixhed in kontro-ezami dwar kif hi qed tahfer lill-imputat, din il-Qorti ma tikkondividix il-fehma tad-difiza li bid-dikjarazzjoni taghha il-procediment gie awtomatikatament ezawrit in kwantu ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

Imiss ghalhekk li jigu kkunisdrati l-provi.

Ikkunsidrat,

**L-Ispettur Matthew Galea** jaghti deskrizzjoni dettaljata tal-investigazzjonijiet tal-pulizija li jafu l-bidu taghhom. Kienet Odette Sciberras li rrapurtat li l-imputat kien sgassa l-bieb tar-residenza taghha, ghamel xi hsarat fuq gewwa w serqilha mal-hames mitt ewro minn gewwa vazzett.[5] Meta gie interrogat Camilleri spjega li prova jgib xi hwejjeg personali tieghu mid-dar ta' Sciberras, hadd ma beda jiftahlu u x'hin induna li kien hemm persuni d-dar, kuntrarjament ghal dak li nghad lilu, kisser il-hgiega tal-bieb u dahal. Dan

[5] Fol.21

wassal ghal argument verbali fejn kien hemm ukoll kuntatt fiziku.[6] Esebixxa stima ta' hsarat ghall-hgiega li tkissret fl-ammont ta' €41.30c.[7]

Gew esebiti wkoll numru ta' sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat.[8] Dawn is-sentenzi kollha fihom il-konnotati tal-imputat. Jirrizulta minnhom li l-imputat instab hati ta' serq aktar minn f'okkazzjoni wahda.

Fl-istqarrija tieghu[9] esebita wkoll mill-ufficjal prosekutur, Camilleri kemm il-darba jinsisti li l-flus li Sciberras tghid li naqsu kienu tieghu. Jispjega li dakinhar kien beda jipprova jiehu xi hwejjeg mid-dar ta' Sciberras. Bintu qaltlu li ma kienux id-dar ghax ftehmet ma ommha. Hu rrejalizza li kienu d-dar u ma bdewx jifthulu *"gietni dalma u veru tajtu daqqa ta' sieq il-bieb u ma nfetahx. Umbghad mort u* ***kissirt il-hgiega"*****[10].** Wara li dahal fir-residenza mar jipprova jiehu hwejjgu minn go kexxun meta Sciberras marret fuqu w imbuttatu. Waqa fuq it-twaletta u kif qam regghet marret ghalih, *"Regghet bdiet timbotta, waqajt giet fuqi umbghad tlajt,* ***lwejtilha idejha****…..bdiet tghatini u girfitni u ma nafx kif harget tajtha daqqa go rasha….Qbadt il-vazzett li kien hemm it-tens u l-fives u xi twenties fih li Odette kienet titfa t-tips li ntiha jien….anke jien gieli tfajt flus gol-bott…..l-vazzett tal-flus tal-karti hadtu l-ghada ta' Santa Marija ghax huma tieghi….qbadt il-vazzett li hu tieghi tfajtu fil-kaxxa u tlaqt il-barra….Dal-bott tal-flus kont nitfa l-flus fih jien u hi gieli tefat fih flus li ntiha jiena….."*[11]. Mitlub jispjega ghaliex refa' jdejh fuq Sciberras jerga' <u>jikkonferma l-azzjoni volontarja tieghu</u> *"Mela kont qed naqla…nibqa naqla go fija bla ma naghmel movement. Gejna sew.* ***Jien m'inix purcinell umbghad".***[12] Camilleri jinsisti li l-flus li ha nhar is-16 t'Awissu kienu tieghu *"il-flus huma tieghi….. Li tefat Odette kienu kollha li tajtha jiena….Jien kont qed imur biex ingib hwejjgi….ninsisti li l-flus li hadt nhar il-Gimgha min god-dar ta' Odette huma kollha tieghi".*[13]

Mhemmx dubbju li l-imputat kellu ghadd ta' affarijiet personali ghand Sciberras kif tikkonferma l-ircevuta li esebixxa l-ispettur investigattiv.[14]

L-insistenza tal-imputat li l-flus li ha kienu tieghu, u li fir-residenza li sgassa kien ghad fadallu affarijiet personali takkwista rilevanza meta jigi kkunsidrat jekk l-ghemil tieghu jinkwadrax taht ir-reat ta' serq jew dak ta' *raggion fattasi.*

---

[6] Fol.22
[7] **Dok.MG4** a fol.31
[8] **Dok.MG7-Dok.MG9** a fol.36 et seq.
[9] **Dok.MG2** a fol.27-29
[10] Fol.28
[11] Ibid.
[12] Fol.29
[13] Ibid.
[14] **Dok.MG3** a fol.30

PS593 Raphael Attard Flores jiddeskrivi li Odette Sciberras ghamlet rapport l-ghassa li Camilleri serqilha vazzett li kien fih mal-€500 u kissrilha xi affarijiet.[15] Dwar dawn il-flus qalet li Camilleri kien itiha l-flus biex titaghhom go fih, *"qaltli li dawn kienu xi flus li kienu jitfghu f'dan il-vazett bhala savings"*.[16]

**Odette Sciberras** tixhed *"cempilli u ma ridtx naghtihomlu ghax ghidtlu ejja ghalihom nhar it-Tnejn u baqa' jirsisti u jien bqajt nirsisti u kisser il-hgiega tal-bieb.... Kisser il-hgiega tal-bieb ta' barra, fetah u dahal u jien* ***kif rajtu dahal tirt ghalih u gejna fl-idejn****, qalibli zewg sufani tal-hwejjeg, naf li gejna fl-idejn"*[17]. Izzid li l-flus li ha gabhom lura w anke hallas l-ispejjez ghall-hgiega.[18] Murija ic-certifikat mediku li skond il-pulizija[19] gie mghoddi lilhom minn Sciberras, ix-xhud tghid li ma tiftakarx dan id-dokument izda tikkonferma li l-hin hemm indikat, 1:20am, jaqbel mal-hin li marret il-policlinic![20] Soffriet brix li setghu gew kawzati meta waqaw u t-tbengila setghet giet kawzata meta habtitha mas-sodda.[21] Tinsisti li l-flus mehuda minn Camilleri kienu taghha u tispjega li filwaqt li f'bott minnhom kien hemm flus li jappartjenu lit-tnejn li huma, bott iehor li kien fih xi €160 kien jappartjeni lilha.[22]

Meta tixhed in kontro-ezami tibda biex tghid li hafret lill-imputat dwar is-serq *"Irrangajna u qed nghixu flimkien nergghu…."*.[23] Issemmi li l-griehi setghu gew kawzati meta *"gejna fuq xulxin…il-kamra tas-sodda tieghi mhix kbira"*.[24]

Kummenti ulterjuri huma superfluwi!

Dwar il-griehi li garrbet Sciberras xehdet ukoll it-tabiba li ezaminatha, **Dr. Francesca Chircop**. Id-dottoressa tispjega *"ezaminajt lil Odette Sciberras fis-17 ta' Awwissu 2019 ghal xi s-siegha u ghoxrin ta' filghodu. Kellha tlett abbrasions fuq in-naha ta' barra tal-irkoppa tax-xellug li kienu qishom zewg centimetri fit-tul, kellha abbrasion ohra ta' tlett centimetri fuq in-naha ta' barra tas-sieq tax-xellug, kellha area ta' gilda fil-kulur vjola fuq in-naha ta' barra tas-sieq tal-lemin u kellha zewg areas ta' nofs centimetru ta' hmura fuq in-naha ta' quddiem tal-minkeb tax-xellug….. Skond il-*

---

[15] Fol.75-76
[16] Fol.77
[17] Fol.62
[18] Fol.62-63
[19] Vide Current Incident Report a fol.60 fejn jinghad li c-certifikat ittiehed l-ghassa fil-**01:45am**.
[20] Fol.63; Certifikat **Dok.MG** a fol.25
[21] Fol.63-64
[22] Fol.64
[23] Fol.101
[24] Fol.102

*pazjenta soffriet dawn il-griehi mir-ragel taghha qaltli."*[25] Dawn il-griehi gew certifikati bhala **hfief**.

Mill-provi prodotti jirrizulta bla dubbju li kienet Sciberras li hebbet ghall-imputat. Hi tixhed *"**kif rajtu dahal tirt ghalih u gejna fl-idejn**, qalibli zewg sufani tal-hwejjeg, **naf li gejna fl-idejn**"*[26]. L-imputat jammetti *"**lwejtilha idejha**…..bdiet tghatini u girfitni u **ma nafx kif harget tajtha daqqa go rasha**[27]….. **Jien m'inix purcinell umbghad".**[28]*

Mhemmx dubbju li l-effett ta' dawn il-griehi huma **t'importanza zghira** tant li hi l-istess Sciberras li fid-darbtjen li tixhed issemmi li dawn setghu gew kawzati minnha x'hin hi u Camilleri gew fl-idejn.

Dwar it-tieni imputazzjoni l-Qorti ghandha dubbji serji dwar l-intenzjoni tal-imputat meta, f'residenza fejn jirrizulta li kien ghad kellu numru ta' affarijiet personali, ha vazzett bi flus go fih li skond hu kienu jappartjenu lilu. Ghandu wkoll jinghad li ftit ghandha kredibbilita Sciberras li l-ewwel taghmel rapport li Camilleri serqilha €500 li kienu go bott, imbghad tixhed li l-ammont kien ta' €160 li kienu f'bott iehor!

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Caruana** fejn dik il-Qorti qalet hekk:[29]

> "…… kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li gie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta'l-oggett li kien fil-pussess taghha qabel dak l-att spoljattiv……
>
> Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar fir-rigward. Jigi osservat biss illi:
>
> **"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli**.
>
> **L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-*istatus quo*.**[30]"….
>
> "Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi 'il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi' (ara appell kriminali **Il-Pulizija vs George Zahra**, 16 ta' Lulju 1958 –

---

[25] Fol.71-72
[26] Fol.62
[27] Fol.28
[28] Fol.29
[29] Dec.30.11.2016 per Onor Imhallef Dr. Edwina Grima
[30] **Il-Pulizija vs Jane Scicluna** – App.Inf.

Vol. XLII.iv.1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tieghu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi ippruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.[31]" [emfazi tal-Qorti]

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Eileen Said**:[32]

Illi l-appellanti instabet hatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right" . Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali , tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :-

"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speciali) Vol. II)

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **" Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et**. " (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna .
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt ;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali ;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi .

Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet . L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu . Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz , jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-CARRARA (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850 :-

"L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode . Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia ; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo" , il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale .

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Abela** iddikjarat kif gej:[33]

---

[31] Appell Kriminali **il-Pulizija vs Mario Bezzina** dec 26/05/2004
[32] Onor Imhallef Dr Joseph Galea Debono; Dec.19.06.2002; App. Nru.37/2002 JGD.
[33] 13.10.2014 per Onor Magistrat Dr. Neville Camilleri; Kump. Nru 866/2011

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

"[F]il-ligi taghna r-reat ta' ragion fattasi mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' ragion fattasi, huma erbgha, u cioe:

"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di private braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123).

Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[34]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

Fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Domenic Azzopardi** il-Qorti ghamlet is-egwenti konsiderazzjonijiet meta ddistingwiet ir-reat ta' serq minn dak tar-raggion fattasi:[35]

Illi d-distinzjoni bejn ir-reat tas-serq u dak tar-*raggion fattasi* giet esposta b'mod esawrjenti f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Police vs Siddy Sangari** deciza fis-16 ta' Lulju 2010 (per Prim'Imhallef Vincent De Gaetano) fejn il-Qorti stqarret:[36]

"It is trite knowledge that for the offence of arbitrary exercise of a pretended right to subsist, the interference with another's property, moveable or immoveable, must be effected "<u>without intent</u>

[34] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru, 1996.
[35] Per Magistrat Dr. Edwina Grima; Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Deciza 13 ta' Ottubru 2011
[36] Is-sentenza inghatat bil-lingwa Ingliza billi l-proceduti kienu bl-ingliz peress illi l-imputat ma huwiex ta' nazzjonalita' Maltija

to steal or to cause any wrongful damage, (sottolinjar ta' din l-Qorti) but only in the exercise of a pretended right". The words underlined clearly imply that in the first place **there must be the exclusion of the intent to steal** (sottolinjar tal-Qorti); the intent to exercise a pretended right coupled with the intent to steal (that is, the intent to steal for the purpose of exercising a pretended right) would put the material element of the offence outside the ambit of Article 85(1) (see inter alia **Il-Pulizija v. Godwin Zammit**, Court of Criminal Appeal, 20/11/1998). Although as was stated by this Court in its judgment of the 15/11/1996 in the names **Il-Pulizija v. Mario Lungaro** the particular intent with which the material act is committed will generally determine whether the offence is one of ragion fattasi or some other offence, such as voluntary damage to property or theft, the starting point must always be to examine whether the intent to steal can be excluded.

In the words of Luigi Maino (***Commento al Codice Penale Italiano*** [*terza ristampa della terza edizione*], UTET, 1922, vol. IV, pp. 13-14, para. 1842:

**"Nel reato di furto il dolo e` di doppia specie, cioe` generico, o consistente nella scienza e volonta` di fare cosa illegittima, e specifico, ossia dipendente dall'animo di lucro, che differenzia questo delitto da altra specie di reati contro la proprieta`. Per mancanza di dolo generico non risponde di furto chi abbia preso la cosa altrui per semplice disavvertenza; chi per errore creda esservi il consenso del proprietario al suo impossessarsi della medesima; chi in buona FEDE ha creduto trattarsi di cosa abbandonata."**

As was pointed out by this Court (Galea Debono, J.) in its judgment of the 30/1/2003 in the names **Il-Pulizija v. John Galea u Paul Galea**, the gain envisaged by the *animus lucrandi* – the specific intent – for the purpose of theft is not necessarily a pecuniary gain. There would be "gain" if the person takes something, belonging to another person, simply for the former to enjoy the thing so taken (e.g. a painting or other piece of art). Again in the words of Maino:

**"…per *lucro* o *profitto* nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo` ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque soddisfazione procurata a se` stesso, onde anche chi rubi per donare o chi sottragga per mero diletto artistico un'opera d'arte, anche lasciando al proprietario il prezzo od altro oggetto di pregio equivalente o superiore, e` responsabile di furto."**

But then this same author goes on to qualify the gain required for the purpose of theft as being an illicit or unlawful gain – *profitto illecito* – and on the basis of this qualification goes on to state (and the following quotation was reproduced, apparently with approval, in the **Galea** case, abovementioned):

**"…non sara` dunque applicabile il titolo di furto, ma quello di ragion fattasi, a chi prenda una cosa del suo debitore per rivalersi o garantirsi del suo credito e a chi sotragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto: e cio` perche` in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto, sostituendo al proposito di procurarsi un *illecito* profitto quello di evitarsi un danno."**

This Court, as now presided, cannot completely agree with this proposition. Carrara's definition of theft does not require that the gain should be an illicit or illegal gain – *animo di farne lucro* and not *animo di farne ingiusto lucro*.

Moreover, the definition of the offence of *ragion fattasi* in the *Codice Zanardelli* – to which Maino was evidently referring when writing – *Articolo 235* – did not, unlike our Article 85(1), require specifically, as a starting point, the exclusion of the intent to steal; that provision merely provided *"Chiunque, al solo fine di esercitare un preteso diritto, nei casi in cui potrebbe ricorrere all'Autorita`, si fa ragione di se` medesimo…"*. Our law, as we have seen, specifically requires not only the intent to exercise a pretended right, but also that this pretended right should not be exercised concurrently with any intent to steal: (sottolinjar ta' din l-Qorti)

*"…without intent to steal…but only in the exercise of a pretended right…"*. Consequently it is immaterial whether the gain is *giusto* or *ingiusto*. This also appears to be the position taken by modern Italian jurists. Thus Francesco Antolisei, in his ***Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I*** Giuffre` Editore (Milano) 1986, pp. 255-256 comments as follows:

**"…il legislatore non ha voluto permettere che colui il quale vanta una pretesa legittima possa soddisfarla, prendendosi senz'altro le cose altrui. La tutela del possesso realizzata con l'incriminazione del furto sarebbe molto affievolita se si ammettesse una facolta` cosi` estesa…Riteniamo, pertanto, che l'ingiustizia del profitto sia estranea alla nozione del furto, il quale, percio`, sussiste anche se il vantaggio a cui mirava l'agente non presentava quel carattere, e cioe` era legittimo.""**

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali ghalhekk, l-Qorti tistqarr li ma tistax taqbel mal-linja difensjonali ta'l-imputat. Illi anke kieku stess wiehed kellu jabbraccja t-tezi ta'l-imputat u cioe' illi l-imputat ha l-oggetti kollha mill-appartament ta' siehbu bhala tpattija ghal xi dejn, madanankollu jidher illi dana ghamlu billi huwa intenzjonalment seraq l-oggetti billi dahal illegalment gewwa proprjeta li ma kenitx tieghu minghajr il-permess u il-konsapevolezza tas-sid. Tant hu hekk illi qabel ma dahal gewwa l-appartament huwa ivverifika permezz ta' telefonata li ghamel lill-istess Jobi illi dan ta'l-ahhar kien jinsab Malta fuq xoghol u ghalhekk f'dak il-hin ma kienx ser jirritorna lejn id-dar.

Illi d-dicitura ta'l-artikolu 85 huwa car u ma ghandu bzonn ta'l-ebda interpretazzjoni. Kif inghad fis-sentenza hawn fuq iccitata l-artikolu 85 jibda mal-ewwel biex ighid il-kliem: "**Kull min, bla hsieb li jisraq**". Illi dak li ghamel l-imputat kien proprju li seraq u xejn izjed. Seraq bil-hsieb li jaghmel qliegh tant hu hekk illi immedjatament ki ghabba l-oggetti fil-vettura huwa prattikament dar ma' Malta u Ghawdex kollu, cempel lil diversi nies, iltaqa' ukoll ma' ohrajn sabiex jiddisponi minn dawn l-oggetti u b'hekk jaghmel qliegh minnhom.

Fuq dan l-insenjament, u tenut kont tar-rizultanzi processwali fejn il-Qorti ma ghandix ic-certezza morali li Sciberras hi veritjiera dwar l-ammont tar-*res furtiva* u temmen li fil-mument li Camilleri kien qed jiehu il-bott bi flus (li jirrizulta kienu, ghall-inqas, *in parte* tieghu), hu qis li **kien qed jiehu dak li ppretenda kien tieghu bi dritt wara li gie mcahhad minn Sciberras li jiehu hwejjgu**.

Dwar it-tielet imputazzjoni, u cioe` dik ravvizata bl-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada:**[37]

[37] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [02.05.2013]

"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:

"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("*alarming")* jew idejjaq: ("*causing ..distress")* lill-persuna.

Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "h*arassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

"*Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",* dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-

*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment".* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."

Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a *"course of conduct"* (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L-Proskezzjoni fl-akkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef** il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) rriteniet is-segwenti:[38]

> "Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:
>
> … illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008**:
>
> **"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**
>
> Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

---

[38] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [17.02.2011].

Illi l-ligi ghalhekk titkellem dwar "imgieba", *a course of conduct,* u minn dina l-esposizzjoni legali jirrizulta illi dan ir-reat ma jisussistix jekk dan ikun xi incident izolat kif fil-fatt huwa il-kaz in ezami tenut kont li din l-imputazzjoni hi marbuta ma perjodu w data specifici. Ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

Ir-raba imputazzjoni baqaghet ma gietx soddisfacentement ppruvata kuntrarjament ghall-hames u s-sitt imputazzjonijiet li jirrizultaw ampjament ippruvati anke minn dak li jammetti l-imputat fil-kors tal-interrogazzjoni tieghu: *"gietni dalma u veru tajtu daqqa ta' sieq il-bieb u ma nfetahx. Umbghad mort u* ***kissirt il-hgiega…malli ftaht il-bieb …. Dhalt gos-salott bqajt diehel normali…".***[39]

Dwar is-seba imputazzjoni issir riferenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Ryan Falzon**:[40]

> Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok taghmel referenza ghal gurisprudenza rigwardanti lartikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra li:
>
> *'b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;'*
>
> Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Marianne Abela u Joseph Sant'**[41] gie kkunsidrat li:
>
> *'Kwantu għall-imputazzjoni li l-appellanta volontarjament iddisturbat il-bon ordni u l-paċi pubblika bl-għajat u bil-ġlied, liema imputazzjoni qiegħda tiġi bbażata fuq l-artikolu 352 (bb) tal-Kodiċi Kriminali, għandu jiġi osservat li dan l-artikolu 352 (bb) ġie kostatement interpretat minn din il-Qorti (ara Pulizija vvs Donald Zahra, 19 ta' April, 1950 Kollez. Dec. Vol. 10 XXXIV-IV-968 u s-sentenzi hemm ċitati) li jikkontempla fatti li jneħħu jew inaqqsu liċ-ċittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individali u għalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taħt ċirkostanzi tali li direttament jew indirettament jistgħu jikkonduċu għal reati oħrajn kontra l-persuni u s-sempliċi argumentat b'leħen għoli u xi ftit b'eċitazzjoni ma jikorix il-liġi;'*
>
> Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Paul Busuttil'**[42] fejn gie kkunsidrat li:
>
> *'Skond ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, dan ir-reat javvera ruħhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza kien jissejjah 'a breach of the peace'. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kunċett Ingliż ta' 'a breach of the peace' tirrisali għal żmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawża deċiża minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et., kien qal hekk:*

[39] Fol.28

[40] Per Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera; Deciza 14 ta' Mejju, 2020; Appell Nru: 298/2019

[41] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju, 1984.

[42] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Gunju, 1994.

*'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'(Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).*

*A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza ghall-ġurisprudenza miġbura fl-artikolu intitolat 'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order' pubblikat fil-Vol. X ta' The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983) pagna 13 et seq., u speċjalment paġni 28 sa 31. B'żieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wieħed jista' jgħid li r-reat ta' 'breach of the peace' fil-liġi Skoċċiza jirrikjedi wkoll ċertu element, imqar f'ammont żghir ħafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb tagħhom 'Scots Criminal Law' (Edinburgh, Butterworths, 1992):*

*'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p. 192).*

*Naturalment huwa kważi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull każ għar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal- pubbliku. Kif jghid awtur ieħor Skoċċiz, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu 'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978):*

*'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p. 985, para. 41-01).*

*U aktar 'il quddiem l-istess awtur jgħid:*

*'.... Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01).*

*4. Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkoluminita' fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Żammit) vs Vincent Sacco'** [43] gie kkunsidrat li:

[43] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2 ta' Frar, 2015.

*'Kwantu għar-reati kontravvenzjonali imsemmi fit-tielet imputazzjoni u ċjoe dik kontemplata fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx sal-grad rikjest mill-Liġi l-elementi tar-reat de quo. Iċ-ċirkostanzi li fihom jista' jew ma jistax jiġi integrat ir-reat tal-ksur tal-bon-ordni jew il-kwiet tal- pubbliku ġew illustrati millQorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad- 19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġna 441):*

*L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir- reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar linkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil. L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjużjew minaċċjużīih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal għlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għallbreach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Silvio Valletta) kontra Joseph Spiteri'** [44] gie kkunsidrat li:

*'Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-Art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi iridu jkunu tali li oggettivament inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib. Ghemil fih innifsu innocenti u perfettament legittimu, bhalma hu l-ghemil ta' tfal jilghabu f'bitha qabel, bejn jew wara llezzjonijiet tad-duttrina ma jistax oggettivament inissel tali inkwiet jew thassib. Jista' jammonta (Appell numru: 178/95) 13 ghal inkonvenjent, u anke inkonvenjent serju ghal xi individwu, pero' tali inkonvenjent ma huwiex kolpit bl-Artikolu 338(bb) in dizamina.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Charles Micallef) kontra Alfred Pisani'** [45] gie kkunsidrat:

*'Kwantu ghall-paragrafu (dd), skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza kien jissejah "a breach of the peace". Kif gie spjegat fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Gunju, 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Busuttil, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) talArt. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba ccirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar linkolumita' ta' propjeta', kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil (ara wkoll, Il-Pulizija v. Lawrence Scicluna, 18/11/94, u Il-Pulizija v. Nicholas Debono, 30/9/94, it-tnejn decizzjonijiet ta' din il-Qorti).'*

[44] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Mejju, 1996.
[45] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju, 1995 (Appell numru: 228/94).

Fis-sentenza deciza ricentement minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech) Vs Joseph Vella)**[46] ' gie kkunsidrat li:

*'Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi ghalkemm kien hemm skambju ta' kliem bejn l- imputat appellant u l-parti leza u ghalkemm it-tnejn li huma wiegbu lil xulxin, madanakollu ma jidhirx illi kien hemm il-breach of the peace kif trid il-ligi tant illi ma jidhirx illi f'dak il-hin kien hemm xi nies ohra fil-vicinanzi jew inkella li l-istorbju bejn dawn in-nies gieghel lil xi nies johorgu minn djarhom jew javvicinaw l-ekwati. Ghalhekk din l-akkzua mhux provata.'*

Ghalkemm il-Qorti tista biss tispekula dwar dak li hassu kemm bint l-imputat kif ukoll il-Odette Sciberras hekk kif l-imputat dahal fi hwejjighom u gew fl-idejn, mix-xhieda tal-istess Sciberras, ma jirrizultax li f'xi hin tnissel *"imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta'".* Lanqas ma jirrizulta li kien *"hemm xi nies ohra fil-vicinanzi jew inkella li l-istorbju bejn dawn in-nies gieghel lil xi nies johorgu minn djarhom jew javvicinaw l-ekwati".*

Ghal dawn il-mottivi, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni, mit-tielet, mir-raba u mis-seba imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 221(3)(b), 222(1)(a), 325(1)(c) u 340(d) issibu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Lihijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien ghaxar (10) xhur millum.

Tenut kont tax-xhieda ta Odette Sciberras li regghet qed tghix mal-imputat, tichad it-talba li fil-konfront tal-hati jinhareg ordni ta' trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodici Kriminali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[46] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Dicembru, 2019 (Appell numru: 26/2019).